**Każ Nru CEDUC-23-4196**

31 ta’ Ottubru 2024

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma’ dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mis-xxxx.


**Resumé**

Il-persuna hawn aktar 'l fuq imsemmija kienet applikat għal post ta’ Direttur tar-Riżorsi Umani fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Huwa kien diġà impjegat mal-MCAST f’kariga amministrattiva.

Huwa ilmenta li proċess tal-għażla ma kienx ekwu peress li fuq il-Bord tal-Għażla kien hemm il-Prinċipal tal-Kulleġġ u d-Deputat Prinċipal responsabbli mill-amministrazzjoni – persuni li huwa kien jaħdem magħhom intimament u li magħhom spiss kellu nuqqas ta’ qbil dwar proċeduri tax-xogħol li kien ikun involut fihom. Huwa ilmenta wkoll li l-Bord tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kien kompost minn membri tas-Senior Management Team tal-MCAST li kienu subalterni f’linja diretta tal-Prinċipal tal-Kulleġġ.

Wara eżami akkurat tal-fatti u taċ-ċirkostanzi kollha, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni wasal għall-konklużjoni li għalkemm ma kienx hemm prova ta’ xi aġir mhux xieraq da parti tal-Bord tal-Għażla u l-Bord tal-Appell, kien hemm nuqqasijiet proċedurali strutturali fil-proċess tal-ingaġġar bħal dak li għaddiet

minnu l-persuna li ilmentat. Il-Kummissjoni issenjala b'mod partikolari li meta jingħata dritt ta' appell, dak id-dritt għandu jkun, kemm mil-lat proċedurali kif ukoll mil-lat sostantiv, dritt prattiku u effettiv u mhux sempliċement dritt teoretiku jew illużjorju – ara l-paragrafu numru 7 tar-Rapport Finali tal-10 ta' Lulju 2024.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni ikkonkluda li l-persuna li ilmentat kienet sofriet inġustizzja proċedurali (ara paragrafu 9 tar-Rapport Finali). Il-Kummissarju għamel tlett rakkomandazzjonijiet.

Ir-Rapport intbagħat lill-Prinċipal u CEO tal-MCAST, is-Sur Stephen Vella, fl-10 ta' Lulju 2024.

Fis-16 ta' Ottubru 2024, b'komunikazzjoni taħt il-firma ta' Dott Caroline Demarco, l-MCAST informa lill-Uffiċċju tal-Ombudsman li tnejn mit-tlett rakkomandazzjonijiet ma kinux ser jiġu attwati.

Fil-21 ta' Ottubru 2024 aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini u għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Kap. 385.

Billi sal-lum ma kien hemm ebda tibdil fil-pożizzjoni tal-MCAST, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

| | |
|---|---|
| Joseph Zammit McKeon | Vincent A Degaetano |
| Ombudsman | Kummissarju għall-Edukazzjoni |

Dokumenti Annessi:

Rapport Finali – 10 ta' Lulju 2024
Email mingħand l-MCAST - 16 ta' Ottubru 2024
It-tweġiba tal-Kummissarju – 18 ta' Ottubru 2024
Ittra lill-Prim Ministru – 21 ta' Ottubru 2024